KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 5.9.2006
KUMM(2006) 485 finali

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kundizzjonijiet assoċjati għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut applikabbli fil-Baħar Balitiku għall-2007

(preżentata mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **L-għanijiet tal-proposta**

L-għan ta' din il-proposta huwa li jiġu stabbiliti għall-2007 l-opportunitajiet tas-sajd għall-Istati Membri fir-rigward ta' l-iktar stokkijiet kummerċjalment importanti fil-Baħar Baltiku.

- **Il-kuntest ġenerali**

Skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 ta' l-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skond il-Politika Komuni dwar is-Sajd, il-Politika Komuni dwar is-Sajd għandha tiżgura sfruttar tar-riżorsi akkwatiċi ħajjin li jipprovdi kundizzjonijiet ekonomiki, ambjentali u soċjali sostenibbli. Għodda importanti biex jintlaħqu dawn l-għanijiet huwa l-istabbiliment annwali ta' l-opportunitajiet tas-sajd fl-għamla ta' qabdiet totali permissibbli (TACs - *total allowable catches*), kwoti u limitazzjonijiet fuq l-isforzi tas-sajd.

Bil-għan tas-simplifikazzjoni u l-kjarifika, l-istabbiliment ta' opportunitajiet tas-sajd fil-Baħar Baltiku għall-ewwel darba ġie implimentat permezz ta' Regolament separat għall-2006, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 52/2006 tat-22 ta' Diċembru 2005 li jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd u l-kondizzjonijiet assoċjati għal ċerti stokkijiet [ħażniet] ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet [ħażniet] ta' ħut applikabbli fil-Baħar Baltiku għall-2006.

Il-parir xjentifiku dwar l-opportunitajiet ta' sajd fl-2007 fil-Baħar Baltiku ngħata mill-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES) f'Ġunju 2006. Fuq il-bażi tal-parir xjentifiku, il-Komunità ddiskutiet it-TACs u l-kwoti u l-kundizzjonijiet assoċjati mal-Federazzjoni Russa fi ħdan il-qafas tal-ftehim bilaterali għas-sajd il-ġdid, li ġie inizjalat f'Lulju 2006. Dan il-ftehim mhux se jidħol formalment fis-seħħ sakemm jiġi konkluż il-ftehim miż-żewġ Partijiet; għall-Komunità f'għamla ta' deċiżjoni tal-Kunsill fuq il-bażi ta' proposta mill-Kummissjoni. Madankollu, il-Partijiet diġà ftiehmu li jistabbilixxu miżuri ta' ġestjoni għal stokkijiet komuni mill-1 ta' Jannar 2007 fuq il-bażi ta' applikazzjoni provviżorja tal-ftehim [skambju ta' ittri]. Il-miżuri ta' ġestjoni maqbula bejn il-Komunità u l-Federazzjoni Russa huma fi qbil mal-Politika Komuni dwar is-Sajd.

Il-proposta tkopri tliet taqsimiet ta' importanza għall-ġestjoni tas-sajd fil-Baltiku fl-2007; taqsima li tiffissa t-TACs u l-kwoti, taqsima li tillimita l-isforz tas-sajd u taqsima li tistipula miżuri tekniċi assoċjati u miżuri ta' kontroll.

Pariri xjentifiċi mogħtija dan l-aħħar mill-ICES indikaw li ż-żewġ stokkijiet ta' merluzz fil-Baħar Baltiku jinsabu f'livelli ta' sfruttament insostenibbli. Fir-rigward ta' l-istokk tal-Lvant, ICES irrakkomanda li ma jsirux qabdiet fl-2007 u li għandu jiġi żviluppat u implimentat pjan ta' rkupru. Għalhekk, l-għan huwa li jiġi stabbilit pjan multiannwali għall-ġestjoni fit-tul tas-sajd għall-istokkijiet tal-merluzz fil-Baħar Baltiku sabiex ikun żgurat li l-isfruttament ta' l-istokkijiet tal-merluzz Baltiku ikun konformi ma' l-għan globali tal-Politika Komuni dwar is-Sajd, jiġifieri li jkunu pprovduti kundizzjonijiet ekonomiċi, ambjentali u soċjali sostenibbli.

Il-Kummissjoni dan l-aħħar ippreżentat proposta għal Regolament tal-Kunsill għal pjan bħal dan[1]. Il-miżuri fil-proposta preżenti li jikkonċernaw il-monitoraġġ, l-ispezzjoni u s-sorveljanza f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-irkupru ta' l-istokkijiet tal-merluzz ikkonċernati huma konformi mal-miżuri mressqa fil-proposta.

- **Dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta**

L-opportunitajiet ta' sajd u l-allokazzjoni lill-Istati Membri huma soġġetti għad-dispożizzjonijiet tar-regolamenti annwali. L-aħħar wieħed huwa r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 52/2006 tat-22 ta' Diċembru 2005 li jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd u l-kondizzjonijiet assoċjati għal ċerti stokkijiet [ħażniet] ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet [ħażniet] ta' ħut applikabbli fil-Baħar Baltiku għall-2006

Ta' rilevanza għall-ġestjoni tas-sajd fil-Baħar Baltiku huwa wkoll ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2187/2005 tal-21 ta' Diċembru 2005 għall-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd permezz ta' miżuri tekniċi fil-Baħar Baltiku, il-Belts u s-Sound, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1434/98 u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 88/98.

- **Il-konsistenza ma' politiki u għanijiet oħra ta' l-Unjoni**

Il-miżuri proposti huma mfassla skond l-għanjiet tal-Politika Komuni dwar is-Sajd u huma konsistenti mal-politika tal-Komunità dwar l-iżvilupp sostenibbli.

2. KONSULTAZZJONI MAL-PARTIJIET INTERESSATI U EVALWAZZJONI TA' L-IMPATT

- **Konsultazzjoni mal-partijiet interessati**

It-taqsimiet dwar il-limitazzjoni fuq l-isforz tas-sajd u dwar l-iffissar ta' miżuri tekniċi assoċjati huma skond id-deċiżjonijiet meħuda fil-Kunsill f'Diċembru 2005 dwar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 52/2006 tat-22 ta' Diċembru 2005 li jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd u l-kondizzjonijiet assoċjati għal ċerti stokkijiet [ħażniet] ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet [ħażniet] ta' ħut applikabbli fil-Baħar Baltiku għall-2006 u ġew soġġetti għal konsultazzjonijiet mas-settur tas-sajd, ma' NGOs li jirrigwardaw kwistjonijiet tas-sajd fil-Baħar Baltiku, u Stati Membri li diġà kienu kkonċernati fl-2005.

Ir-RAC Baltiku, li twaqqaf f'Marzu 2006, kien ikkonsultat preliminarjament fil-laqgħa tal-Kumitat Eżekuttiv tiegħu f'Ġunju 2006. Il-bażi xjentifika għall-proposta kienet ipprovduta minn ICES, u d-DĠ FISH indika r-regoli li se jsegwi biex jistabbilixxi t-TACs u l-kwoti għall-2007. Fuq il-bażi tal-kalendarju l-ġdid għall-proposti u d-deċiżjonijiet leġiżlattivi deskritt fil-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew (KE) Nru 246/2006 ta' l-24 ta' Mejju 2006 dwar it-titjib tal-konsultazzjoni fuq il-ġestjoni tas-sajd fil-Komunità, ma setgħetx tingħata risposta formali tar-RAC Baltiku qabel ma tkun ġiet ippreżentata l-proposta. Madankollu, tqiesu l-fehmiet preliminarji espressi matul il-laqgħa.

Il-qagħda taż-żewġ stokkijiet tal-merluzz ġew diskussi matul il-laqgħa. Iż-żewġ stokkijiet tal-merluzz huma sfruttati żżejjed it-tnejn li huma, iżda l-istokk fil-Baltiku tal-Lvant isofri wkoll minn kapaċità ta' riproduzzjoni mnaqqsa. ICES irrakkomanda tnaqqis sostanzjali fis-sajd għall-istokk tal-Punent biex il-bijomassa ta' l-istokk li jirriproduċi tibqa' 'l fuq mil-livelli

[1] COM(2006) 411 finali ta' l-24 ta' Lulju 2006

prekawzjonali u li jieqaf is-sajd għall-istokk tal-Lvant skond il-limiti prekawzjonali sabiex iknu żgurat irkupru sa livell li jaqa' fil-limiti bijoloġiċi sikuri. Madankollu, l-implimentazzjoni tat-tnaqqis meħtieġ biex jerġgħu jiġġeddu l-istokkijiet fi żmien sena tfisser li titneħħa l-bażi ekonomika għas-settur tas-sajd u dan ikun ta' ħsara għas-sistema tat-tmexxija. Fl-2005, id-DĠ-Fish kien għalhekk diġà ssuġġerixxa strateġija fit-tul fejn il-livell ta' sajd jitnaqqas gradwalment għal livelli sostenibbli. L-istrateġija, kif ukoll it-TACs li jirriżultaw mill-applikazzjoni tagħha, kienu appoġġjati mis-settur f'dak iż-żmien.

Bil-ħsieb tal-promozzjoni ta' trasparenza ikbar fil-proċess ta' konsultazzjoni, is-servizzi tal-Kummissjoni, mil-laqgħa ta' Ġunju 'l hawn, infurmaw ir-RAC tal-Baħar Baltiku bl-istrateġija li x'aktarx tissegwa fl-istabbiliment tat-TACs għall-istokkijiet tal-merluzz.

Rigward il-miżuri li jikkonċernaw l-isforz u l-kontroll tas-sajd, is-settur, l-NGOs u l-Istati Membri ġew ikkonsultati kemm-il darba u l-elementi inklużi fil-proposta jirriflettu kummenti li saru, b'mod partikulari mis-settur tas-sajd.

- **Il-ġbir u l-użu ta' l-għarfien espert**

Kull sena, il-Komunità titlob lill-ICES u lill-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku dwar is-Sajd (STECF) jagħtuha parir xjentifiku dwar il-qagħda ta' stokkijiet importanti ta' ħut. Il-parir li tirċievi jkopri l-istokkijiet kollha tal-Baltiku li għalihom huma proposti t-TACs. It-TACs proposti huma bbażati fuq il-parir mogħti iżda mhux bilfors jissegwa kelma b'kelma. Skond l-intenzjoni tal-Kummissjoni biex tiżgura l-użu sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd filwaqt li żżomm l-istabbiltà fl-opportunitajiet tas-sajd, il-bidliet fit-TACS huma limitati għal mhux iktar minn 15% minn sena għall-oħra.

Għall-istokkijiet tal-merluzz it-TACs jirriflettu strateġija fit-tul fejn it-TACs u l-isforz tas-sajd jitnaqqsu gradwalment għal livelli sostenibbli fuq numru ta' snin. Biswit din il-proposta, il-Kummissjoni ressqet proposta għal pjan multiannwali għall-istokkijiet tal-merluzz fil-Baħar Baltiku u s-sajd li jisfrutta dawn l-istokkijiet. L-element ċentrali tal-pjan huwa tnaqqis gradwali ta' l-isforz tas-sajd għal livelli sostenibbli fit-tul li jrendu ħafna u b'mod stabbli. Għaldaqstant, it-TACs proposti ma jsegwux il-pariri ta' l-ICES biex jieqaf is-sajd għall-merluzz fil-Baltiku tal-Lvant sabiex dawn l-istokkijiet ma jispiċċawx għal kollox. Jirriflettu l-istrateġija gradwali li għandha tiġi applikata fil-pjan multiannwali.

Madankollu minħabba ċirkostanzi eċċezzjonali, il-proposta tat-TAC għall-istokk tal-Merluzz tal-Lvant mhijiex konformi ma' tnaqqis gradwali fl-isforz tas-sajd skond il-pjan multiannwali propost. Il-qagħda gravi ta' l-istokk tirrikjedi miżuri iktar b'saħħithom sabiex l-istokk ma jkomplix jonqos. Meta wieħed iqis il-qagħda attwali ta' l-istokk, it-tnaqqis gradwali ta' 10% fil-mortalità tal-ħut propost fil-pjan iwassal għal żieda ta' 26% fit-TAC. Filwaqt li qieset l-intenzjoni li l-istokk jiġi rkuprat u li tiżgura l-isfruttar sostenibbli minn hemm 'il quddiem, għaldaqstant il-Kummissjoni iddeċidiet li tapplika tnaqqis ikbar fil-mortalità tas-sajd li jikkorrispondi għal tnaqqis ta' 15% tat-TAC u tnaqqis ekwivalenti ta' l-isforz tas-sajd għall-bastimenti kkonċernati.

Meta wieħed iqis il-pariri xjentifiċi għal dan l-istokk, il-Kummissjoni se tagħti attenzjoni partikolari lill-impatt tat-tnaqqis propost fuq il-qagħda ta' l-istokk tal-merluzz tal-Lvant u, fin-nuqqas ta' adozzjoni mill-Kunsill ta' pjan ta' ġestjoni fit-tul għal dan l-istokk, se tkun obbligata tipproponi miżuri iktar stretti fil-ġejjieni.

L-organizzazzjonijiet/esperti ewlenin kkonsultati

L-organizzazzjonijiet xjentifiċi kkonsultati kienu l-Kunsill Internazzjonali dwar l-Esplorazzjoni ta' l-Ibħra (ICES) u l-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku dwar is-Sajd (STECF).

- **L-evalwazzjoni ta' l-impatt**

Jekk ikunu implimentati, il-miżuri proposti se jwasslu għal żieda globali fl-opportunitajiet tas-sajd għall-bastimenti tal-Komunità fil-Baħar Baltiku. L-opportunitajiet ta' sajd għal-laċċ ikħal u xi wħud mill-istokkijiet ta' l-aringi se jiżdiedu u fil-każ ta' l-istokkijiet tal-merluzz biss is-sajjieda se jkollhom jiffaċċjaw kwoti iktar baxxi. It-tnaqqis tat-TAC għas-salamun kien ibbażat fuq qabdiet reali u, għalhekk, mhux mistenni li jkollu effett fuq il-valur inizjali tal-ħatt l-art. Il-valur inizjali tal-ħatt l-art mill-Baltiku madankollu, jekk wieħed jassumi li l-prezzijiet ma jinbidlux, mistenni jonqos b'madwar 12% fl-2007 minħabba t-tnaqqis tat-TACs għall-istokkijiet tal-merluzz.

Il-proposta ma tirriflettix biss deċiżjonijiet għall-futur qrib iżda hi wkoll parti minn strateġija fit-tul fejn il-livell tas-sajd għandu jitnaqqas bilmod għal livelli sostenibbli fit-tul.

Għaldaqstant, fit-terminu medju sa dak twil, l-istrateġija meħuda fil-proposta se twassal għal tnaqqis fl-isforz tas-sajd iżda għal kwoti stabbli jew ikbar. Il-konsegwenzi fit-tul ta' l-istrateġija huma għalhekk previsti li jkunu: impatt imnaqqas fuq l-ambjent b'riżultat tat-tnaqqis fl-isforz tas-sajd, it-tnaqqis fis-settur tal-qbid f'termini ta' l-għadd ta' bastimenti u/jew l-isforz medju tas-sajd għal kull bastiment, u l-istess ammont ta' qabdiet jew iktar.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

- **Il-bażi legali**

Il-bażi legali għal din il-proposta hija r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002, u b'mod partikulari l-Artikolu 20 tiegħu.

4. IMPLIKAZZJONIJIET FUQ IL-BAĠIT

Din il-proposta m'għandha l-ebda implikazzjoni għall-baġit Komunitarju.

5. INFORMAZZJONI ADDIZZJONALI

- Spjegazzjoni Dettaljata

Il-proposta tistipula għall-2007 l-opportunitajiet tas-sajd għall-Istati Membri li jistadu fil-Baħar Baltiku.

It-TACs u l-kwoti allokati lill-Istati Membri jingħataw fl-Anness I. Il-figuri proposti jirriflettu l-pariri xjentifiċi u l-qafas għall-istabbiliment tat-TACs u l-kwoti deskritti fil-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u l-Parlament Ewropew dwar Dikjarazzjoni ta' Politika mill-Kummissjoni Ewropea dwar l-Opportunitajiet tas-Sajd għall-2007.

It-TACs u l-kwoti għaż-żewġ stokkijiet tal-merluzz huma marbuta mill-qrib mal-limiti ta' l-isforz tas-sajd stipulati fl-Anness II kif ukoll il-miżuri dwar il-monitoraġġ, l-ispezzjoni u s-sorveljanza stipulati fil-punt 2 ta' l-Anness III.

Il-miżuri tekniċi tranżitorji fl-Anness III jirrappreżentaw miżuri importanti dwar iż-żewġ stokkijiet tal-merluzz fil-Baħar Baltiku li jinsabu f'livelli insostenibbli ta' sfruttament. Il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Regolament ġdid li jistabbilixxi pjan multiannwali għall-istokkijiet tal-merluzz fil-Baħar Baltiku u għas-sajd li qed jisfrutta dawn l-istokkijiet, li tinkludi dawn il-miżuri kollha [referenza għall-proposta]. Hu mistenni li l-proposta tiġi adottata mill-Kunsill kmieni fl-2007.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kundizzjonijiet assoċjati għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut applikabbli fil-Baħar Balitiku għall-2007

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 ta' l-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd skond il-Politika Komuni għas-Sajd[2] u b'mod partikolari l-Artikolu 20 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/1996 tas-6 ta' Mejju 1996 li jintroduċi kondizzjonijiet addizzjonali għal tmexxija minn sena għal sena tal-QTP u l-kwoti [3], u b'mod partikulari l-Artikolu 2,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Billi:

(1) L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002 jesiġi li l-Kunsill jadotta l-miżuri meħtieġa biex ikun żgurat l-aċċess għall-ilmijiet u r-riżorsi u sabiex l-attivitajiet tas-sajd jibqgħu jsiru b'mod sostenibbli, billi jitqies il-parir xjentifiku disponibbli u, b'mod partikulari, ir-rapport imħejji mill-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd.

(2) Skond l-Artikolu 20 tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002, huwa obbligu tal-Kunsill li jistabbilixxi l-limiti dwar l-opportunitajiet ta' sajd skond it-tip ta' sajd jew gruppi ta' tipi ta' sajd u l-allokazzjoni ta' dawn l-opportunitajiet lill-Istati Membri.

(3) Sabiex tkun żgurata l-ġestjoni effettiva ta' l-opportunitajiet ta' sajd, għandhom jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet speċifiċi għall-operazzjonijiet ta' sajd.

(4) Il-prinċipji u ċerti proċeduri għall-immaniġjar tas-sajd iridu jkunu stipulati fuq il-livell Komunitarju, sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jiżguraw il-ġestjoni tal-bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom.

(5) L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002 jistipula t-tifsiriet li huma relevanti għall-allokazzjoni ta' l-opportunitajiet ta' sajd.

(6) Skond l-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96, għandhom ikunu identifikati l-istokkijiet (ħażniet) li huma soġġetti għall-miżuri differenti msemmija fih.

---

[2] ĠU L 358, 31.12.2002, p. 59.
[3] ĠU L 115, 9.5.1996, p. 3.

(7) L-opportunitajiet ta' sajd għandhom jintużaw skond il-leġiżlazzjoni tal-Komunità fil-qasam, u b'mod partikulari skond ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1381/87 ta' l-20 ta' Mejju 1987 li jistabbilixxi regoli dettaljali dwar l-immarkar u dokumentazzjoni ta' bastimenti tas-sajd[4], ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2807/83 tat-22 ta' Settembru 1983 li jistabilixxi regoli dettaljati dwar ir-reġistrazzjoni ta' informazzjoni dwar il-qabdiet ta' ħut ta' l-Istati Membri[5], ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2847/93 tat-12 t'Ottubru 1993 li jistabilixxi sistema ta' kontroll li tapplika għall-politika tas-sajd komuni[6], ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2244/2003 tat-18 ta' Diċembru 2003 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet dettaljati dwar is-sistemi ta' sorveljanza tal-vapuri bbażata fuq satellita[7], u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2930/86 tat-22 ta' Settembru 1986 li jiddefinixxi l-karatteristiċi tad-dgħajjes tas-sajd[8], ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3880/91 tas-17 ta' Diċembru 1991 dwar is-sottomissjoni ta' statistika nominali dwar il-qabda mill-Istati Membri li jistadu fil-Grigal ta' l-Atlantiku[9] u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2187/2005 tal-21 ta' Diċembru 2005 dwar il-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd permezz ta' miżuri tekniċi fil-Baħar Baltiku, il-Belts u s-Sound[10].

(8) Sabiex jikkontribwixxu għall-konservazzjoni ta' stokkijiet tal-ħut, fl-2007 għandhom jiġu implimentati ċerti miżuri supplimentari ta' kontroll kif ukoll kundizzjonijiet tekniċi tas-sajd.

(9) Sabiex jiġi żgurat l-għajxien tas-sajjieda tal-Komunità, huwa importanti li dawn l-opportunitajiet ta' sajd jinfetħu fl-1 ta' Jannar 2007. Minħabba l-uġenza ta' din il-kwistjoni, jinħtieġ li ssir eċċezzjoni għal perjodu ta' sitt ġimgħat imsemmi fil-paragrafu I(3) tal-Protokoll dwar ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattati li jistabbilixxu l-Komunità Ewropea, il-Komunità Ewropea dwar il-Faħam u l-Azzar u l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika,

---

4 ĠU L 132, 21.5.1987, p. 9.

5 ĠU L276, 10.10.1983, p.1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar permezz tar-Regolament (KE) Nru 1965/2001 (ĠU L 268, 9.10.2001, p. 23).

6 ĠU L 261, 20.10.1993, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1954/2003 (ĠU L 289, 7.11.2003, p. 1).

7 ĠU L 333, 20.12.2003, p. 17.

8 ĠU L 274, 25.9.1986, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 3259/94 (ĠU L 339, 29.12.1994, p. 11).

9 ĠU L 365, 31.12.1991, p. 1.

10 ĠU L 16, 20.1.2005, p. 184.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I
Ambitu u definizzjonijiet

Artikolu 1
Suġġett

Dan ir-Regolament jistipula l-opportunitajiet ta' sajd għas-sena 2007 għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut fil-Baħar Baltiku u l-kundizzjonijiet assoċjati li taħthom jistgħu jintużaw dawn l-opportunitajiet ta' sajd.

Artikolu 2
Ambitu

1. Dan ir-Regolament għandu japplika għall-bastimenti tas-sajd tal-Komunità (bastimenti tal-Komunità) u bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera ta' pajjiżi terzi li joperaw fil-Baħar Baltiku jew li jkunu rreġistrati fihom.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, dan ir-Regolament m'għandux japplika għal operazzjonijiet ta' sajd li jsiru biss bl-iskop ta' investigazzjonijiet xjentifiċi u li jsiru bil-permess u bl-awtorità ta' l-Istat Membru kkonċernat u li dwarhom il-Kummissjoni u l-Istat Membru li fl-ilmijiet tiegħu tkun qed issir ir-riċerka kienu infurmati bil-quddiem.

Artikolu 3
Definizzjonijiet

Flimkien mat-tifsiriet stipulati fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002, għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw it-tifsiriet li ġejjin:

(a) iż-żoni tal-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES) huma kif definiti fir-Regolament (KEE) Nru 3880/91;

(b) "Baħar Baltiku" tfisser id-Diviżjonijiet ta' l-ICES IIIb, IIIc u IIId;

(c) "qabda totali permissibli (TAC – *Total Allowable Catch*)" tfisser il-kwantità li tista' tittieħed minn kull stokk kull sena;

(d) "kwota" tfisser proporzjon mit-TAC li tkun allokata lill-Komunità, lil Stat Membru jew lil pajjiż terz.

KAPITOLU II
Opportunitajiet ta' sajd u kundizzjonijiet assoċjati

Artikolu 4
Limiti tal-qbid u allokazzjonijiet

Il-limiti tal-qbid, l-allokazzjoni ta' dawk il-limiti fost l-Istati Membri, u kundizzjonijiet addizzjonali skond l-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 huma stipulati fl-Anness I għal dan ir-Regolament.

Artikolu 5
Dispożizzjonijiet speċjali dwar l-allokazzjonijiet

1. L-allokazzjoni tal-limiti tal-qbid fost l-Istati Membri kif stipulati fl-Anness I għandha tkun mingħajr preġudizzju għal:

   (a) skambji li jsiru skond l-Artikolu20(5) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002.

   (b) l-allokazzjonijiet mill-ġdid li jsiru skond Artikoli 21(4), 23(1) u 32(2) tar-Regolament (KEE) Nru 2847/93;

   (c) ħatt l-art addizzjonali permess skond l-Artikolu 3 tar-Regolament(KE) Nru 847/96;

   (d) kwantitajiet miżmuma bi qbil ma' l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96;

   (e) tnaqqis magħmul skond l-Artikolu 5 tar-Regolament(KE) Nru 847/96.

2. Bl-iskop li jinżammu l-kwoti biex jiġu trasferiti għall-2008, l-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 847/96 jista' japplika, b'deroga minn dak ir-Regolament, għall-istokkijiet kollha soġġetti għal TAC analitiku.

Artikolu 6
Kundizzjonijiet għall-qabdiet u għall-qabdiet sekondarji

1. Ħut mill-istokkijiet li fuqhom hemm imposti l-limiti tal-qbid għandhom jinżammu abbord jew jinħattu biss jekk:

   (a) il-qabdiet ittieħdu minn bastimenti ta' Stat Membru bi kwota u dik il-kwota ma tkunx għada ntużat kollha;

   (b) il-qabdiet jifformaw parti minn sehem Komunitarju li ma ġiex allokat permezz ta' kwoti fost l-Istati Membri u li għadu ma ntużax kollu, jew

   (c) speċijiet oħra barra l-aringi u l-laċċa kaħla jkunu mħallta ma' speċijiet oħra, il-qabdiet ikunu saru bit-tkarkir, it-tartaruni Daniżi jew apparat simili li d-daqs

tal-malji tiegħu huwa inqas minn 32mm, u l-qabdiet ma jkunux ġew magħżula abbord jew meta nħattu.

2. Il-qabdiet kollha għandhom jgħoddu fil-konfront tal-kwota jew, jekk is-sehem Komunitarju ma jkunx tqassam fost l-Istati Membri permezz tal-kwoti, fil-konfront tas-sehem Komunitarju, ħlief għall-qabdiet li jkunu saru taħt paragrafu 1(c).

3. Meta tintuża kollha l-kwota għall-aringi mogħtija lil Stat Membru, il-bastimenti li jtajru l-bandiera ta' dak l-Istat Membru, u rreġistrati fil-Komunità, u li jużaw opportunitajiet ta' sajd li għalihom tapplika l-kwota relevanti m'għandhomx iħottu l-art qabdiet li mhumiex magħżula u li fihom l-aringi.

Artikolu 7
Limiti fuq l-isforzi tas-sajd

Il-limiti fuq l-isforzi tas-sajd huma stipulati fl-Anness II.

Artikolu 8
Miżuri tranżitorji tekniċi u ta' kontroll

Miżuri tranżitorji tekniċi u ta' kontroll huma stipulati fl-Anness III.

KAPITOLU III
Dispożizzjonijiet finali

Artikolu 9
***Trażmissjoni tad-*data**

Meta l-Istati Membri jibagħtu *data* lill-Kummissjoni dwar il-ħatt l-art ta' kwantitajiet ta' stokkijiet maqbuda skond Artikolu 15(1) tar-Regolament (KEE) Nru 2847/93, għandhom jużaw il-kodiċijiet ta' l-istokkijiet stipulati fl-Anness I għal dan ir-Regolament.

Artikolu 10
Id-dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2007.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

ANNESS I

Il-limiti fuq il-ħatt l-art u l-kundizzjonijiet assoċjati għall-immaniġjar minn sena għal sena tal-limiti fuq il-qabdiet applikabbli għall-bastimenti tal-Komunità f'żoni fejn jeżistu l-limiti fuq il-qabdiet skond l-ispeċi u skond iż-żona

It-tabelli li ġejjin jistipulaw it-TACs u l-kwoti (f'tunnellati ta' piż ħaj, ħlief fejn speċifikat mod ieħor) skond l-istokk, l-allokazzjoni lill-Istati Membri u l-kundizzjonijiet assoċjati għall-immaniġjar tal-kwoti minn sena għal sena.

Speċi:	Aringa *Clupea harengus*	Żona:	Sottodiviżjonijiet 30-31 HER/3D30.; HER/3D31.
Il-Finlandja	72 230	TAC analitiku	
L-Iżvezja	15 870	Japplika l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96.	
Il-KE	88 100	Japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96.	
		Japplika l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 847/96.	
TAC	88 100		

Speċi:	Aringa *Clupea harengus*	Żona:	Sottodiviżjonijiet 22-24 HER/3B23.; HER/3C22.; HER/3D24.
Id-Danimarka	7 359	TAC analitiku	
Il-Ġermanja	28 966	Japplika l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96.	
Il-Finlandja	4	Japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96.	
Il-Polonja	6 831	Japplika l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 847/96.	
L-Iżvezja	9 340		
Il-KE	52 500		
TAC	52 500		

Speċi:	Aringa *Clupea harengus*	Żona:	Sottodiviżjonijiet 25-27, 28.2, 29 u 32 HER/3D25.; HER/3D26.; HER/3D27.; HER/3D28.; HER/3D29.; HER/3D32.
Id-Danimarka	2 931	TAC analitiku	
Il-Ġermanja	777	L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.	
L-Estonja	14 967	L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.	
Il-Finlandja	29 215	Japplika l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 847/96	
Il-Latvija	3 693		
Il-Litwanja	3 889		
Il-Polonja	33 190		
L-Iżvezja	44 556		
Il-KE	133 218		
TAC	147 200		

Speċi:	Aringa *Clupea harengus*	Żona:	Sottodiviżjoni 28.1 HER/03D.RG
L-Estonja	15 701	TAC analitiku	
Il-Latvija	18 299	L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 japplika.	
		Japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96.	
Il-KE	34 000	Japplika l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 847/96.	
TAC	34 000		

Speċi	Merluzz *Gadus morhua*	Żona:	Sottodiviżjonijiet 25-32 (Ilmijiet tal-KE) COD/3D25.; COD/3D26.; COD/3D27.; COD/3D28.; COD/3D29.; COD/3D30.; COD/3D31.; COD/3D32.
Id-Danimarka	8 849	TAC analitiku	
Il-Ġermanja	3 520	L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax	
L-Estonja	862	L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.	
Il-Finlandja	677	Japplika l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 847/96.	
Il-Latvija	3 290		
Il-Litwanja	2 168		
Il-Polonja	10 191		
L-Iżvezja	8 965		
Il-KE	38 522		
TAC	41 820		

Speċi:	Merluzz *Gadus morhua*	Żona:	Sottodiviżjonijiet 22-24 (Ilmijiet tal-KE) COD/3B23.; COD/3C22.; COD/3D24.
Id-Danimarka	10 537	TAC analitiku	
Il-Ġermanja	5 152	L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 japplika.	
L-Estonja	234	japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96.	
Il-Finlandja	207	Japplika l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 847/96.	
Il-Latvija	872		
Il-Litwanja	565		
Il-Polonja	2 819		
L-Iżvezja	3 754		
Il-KE	24 140		
TAC	24 140		

Speċi:	Barbun tat-tbajja’ *Pleuronectes platessa*	Żona:	IIIbcd (ilmijiet tal-KE) PLE/3B23.; PLE/3C22.; PLE/3D24.; PLE/3D25.; PLE/3D26.; PLE/3D27.; PLE/3D28.; PLE/3D29.; PLE/3D30.; PLE/3D31.; PLE/3D32.
Id-Danimarka	2 697	TAC ta' prekawzjoni	
Il-Ġermanja	300	L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 japplika.	
L-Iżvezja	203	Japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96.	
Il-Polonja	565	Japplika l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 847/96.	
Il-KE	3 766		
TAC	Mhux rilevanti		

Speċi:	Salamun ta’ l-Atlantiku *Salmo salar*		Żona:	IIIbcd (Ilmijiet tal-KE) għajr is-Sottodiviżjoni 32 SAL/3B23.; SAL/3C22.; SAL/3D24.; SAL/3D25.; SAL/3D26.; SAL/3D27.; SAL/3D28.; SAL/3D29.; SAL/3D30.; SAL/3D31.
Id-Danimarka	74 808	(1)	TAC analitiku	
Il-Ġermanja	8 323	(1)	L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.	
L-Estonja	7 603	(1)	L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.	
Il-Finlandja	93 280	(1)	Japplika l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 847/96.	
Il-Latvija	47 581	(1)		
Il-Litwanja	5 593	(1)		
Il-Polonja	22 694	(1)		
L-Iżvezja	101 119	(1)		
Il-KE	361 001	(1)		
TAC	368 000	(1)		

(1) Espress fl-għadd ta’ ħut individwali.

Speċi:	Salamun ta’ l-Atlantiku *Salmo salar*		Żona:	Sottodiviżjoni 32 SAL/3D32.
L-Estonja	1 581	(1)	TAC analitiku	
Il-Finlandja	13 838	(1)	L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.	
			L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.	
Il-KE	15 419	(1)	Japplika l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 847/96.	
TAC	17 000	(1)		

(1) Espress fl-għadd ta' ħut individwali.

Speċi:	Laċċ ikħal *Sprattus sprattus*	Żona:	IIIbcd (ilmijiet tal-KE) SPR/3B23.; SPR/3C22.; SPR/3D24.; SPR/3D25.; SPR/3D26.; SPR/3D27.; SPR/3D28.; SPR/3D29.; SPR/3D30.; SPR/3D31.; SPR/3D32.
Id-Danimarka	42 310	TAC analitiku	
Il-Ġermanja	26 805	L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.	
L-Estonja	49 131	L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.	
Il-Finlandja	22 148	Japplika l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 847/96.	
Il-Latvija	59 339		
Il-Litwanja	21 465		
Il-Polonja	125 927		
L-Iżvezja	81 793		
Il-KE	428 918		
TAC	477 000		

ANNESS II

1. Limiti fuq l-isforzi tas-sajd

1.1. Is-sajd bi xbieki tat-tkarkir, tartaruni jew apparat simili li għandu malji ta' daqs ekwivalenti għal 90 mm jew iktar jew b'għeżula tat-tisqif tal-qiegħ, għeżula tal-mitlaq u pariti, li għandhom malji ta' daqs ekwivalenti għal 90 mm jew bil-konzijiet tal-qiegħ għandu jkun ipprojbit:

(a) mill-15 ta' Marzu sa l-14 ta' Mejju fis-Sottodiviżjonijiet 22-24, u

(b) mill-15 ta' Ġunju sa l-14 ta' Settembru fis-Sottodiviżjonijiet 25-27.

1.2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom, is-sajd bi xbieki tat-tkarkir, tartaruni jew apparat simili li għandu malji b'daqs ekwivalenti għal 90 mm jew iktar jew b'għeżula tat-tisqif tal-qiegħ, għeżula tal-mitlaq u pariti li għandhom malji b'daqs ekwivalenti għal 90 mm jew iktar jew bil-konzijiet tal-qiegħ għandhom ikunu pprojbiti:

(a) 57 jum kalendarju fis-sottodiviżjonijiet 22-24 barra mill-perjodu tal-15 ta' Marzu sa l-14 ta' Mejju, u

(b) 51-il jum kalendarju fis-sottodiviżjonijiet 25-27 barra mill-perjodu tal-15 ta' Ġunju sa l-14 ta' Settembru.

1.3. Fuq talba tal-Kummissjoni, l-Istati Membri għandhom jipprovdu deskrizzjoni tas-sistema applikata biex jiżguraw il-konformità mal-punt 1.2.

1.4. B'deroga mill-punti 1.1 u 1.2, il-bastimenti tal-Komunità b'tul globali inqas minn 12-il metru għandhom ikunu permessi jżommu abbord u jħottu l-art sa massimu ta' 10% merluzz skond il-piż ħaj meta jistadu bil-b'għeżula tat-tisqif, għeżula tal-mitlaq u/jew pariti li għandhom malji b'daqs ekwivalenti għal 110 mm jew iktar.

ANNESS III
Miżuri tekniċi tranżitorji u ta' kontroll

1. Restrizzjonijiet fuq is-sajd

1.1. Kull attività ta' sajd fiż-żoni magħluqa billi jingħaqdu sekwenzjalment il-linji rhumb mal-pożizzjonijiet li ġejjin, li għandhom jitkejlu skond is-sistema ta' koordinati WGS84, hija pprojbita mill-1 ta' Mejju sal-31 ta' Ottubru:

Żona 1:

– 55°45'N, 15°30'E

– 55°45'N, 16°30'E

– 55°00'N, 16°30'E

– 55°00'N, 16°00'E

– 55°15'N, 16°00'E

– 55°15'N, 15°30'E

– 55°45'N, 15°30'E

Żona 2:

– 55°00'N, 19°14'E

– 54°48'N, 19°20'E

– 54°45'N, 19°19'E

– 54°45'N, 18°55'E

– 55°00'N, 19°14'E

Żona 3:

– 56°13'N, 18°27'E

– 56°13'N, 19°31'E

– 55°59'N, 19°13'E

– 56°03'N, 19°06'E

– 56°00'N, 18°51'E

– 55°47'N, 18°57'E

– 55°30'N, 18°34'E

– 56°13'N, 18°27'E

1.2. B’deroga mill-punt 1.1, is-sajd bl-għeżula tat-tisqif, l-għeżula tal-mitlaq u pariti li għandhom malji b’daqs ekwivalenti għal 157 mm jew iktar jew bil-konzijet għandu jkun permess. Fis-sajd bil-konzijiet ma għandux jinżamm merluzz abbord.

2. Monitoraġġ, spezzjonar u sorveljanza f’rabta ma’ l-irkupru ta’ l-istokkijiet tal-merluzz fil-Baħar Baltiku

2.1. Permess speċjali għas-sajd tal-merluzz fil-Baħar Baltiku

2.1.1. B'deroga mill-Artikolu 1(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1627/94 tas-27 ta’ Ġunju 1994 li jniżżel ċerti dispożizzjonijiet rigward permessi speċjali tas-sajd[11], il-bastimenti kollha tal-Komunità li għandhom tul globali ekwivalenti għal jew aktar minn 8 m li jġorru abbord jew jużaw kwalunkwe tagħmir b’malji b’daqs ekwivalenti għal 90 mm jew iktar għandu jkollhom permess speċjali biex jistadu għall-merluzz fil-Baħar Baltiku.

2.1.2. Stat Membru jista' joħroġ il-permess speċjali għas-sajd tal-merluzz imsemmi fil-punt 2.1.1. biss lill-bastimenti tal-Komunità li fl-2005 kellhom permess speċjali biex jistadu għall-merluzz fil-Baħar Baltiku skond il-punt 6.2.1 ta’ Anness III tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 27/2005 tat-22 ta’ Diċembru 2004 li jistipula għall-2005 l-opportunitajiet ta’ sajd u l-kundizzjonijiet assoċjati għal ċerti stokkijiet [ħażniet] ta’ ħut u gruppi ta’ stokkijiet [ħażniet] ta’ ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Komunità u, għall-bastimenti tal-Komunità, f’ilmijiet fejn huma rekwiżiti l-limitazzjonijiet dwar il-qbid[12]. Madankollu, Stat Membru jista’ joħroġ permess speċjali għas-sajd tal-merluzz lill-bastiment tal-Komunità, li jtajjar il-bandiera ta’ dak l-Istat Membru u li jkun irreġistrat fil-Komunità, li ma kellux permess speċjali għas-sajd fl-2005 jekk jiżgura li kapaċità ekwivalenti, imkejla f’kilowatts (kW), tinżamm milli tistad fil-Baħar Baltiku b’xi tagħmir li l-malji tiegħu huma ekwivalenti għal 90 mm jew aktar.

2.1.3. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi u jżomm lista ta’ bastimenti li għandhom permess speċjali biex jistadu għall-merluzz fil-Baħar Baltiku u jqiegħda fuq is-sit uffiċjali ta’ l-internet tiegħu biex tkun disponibbli għall-Kummissjoni u l-Istati Membri l-oħra li jdawru l-Baħar Baltiku.

2.1.4. Il-kap ta’ bastiment tal-Komunità, jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu/tagħha, li Stat Membru ħariġlu permess speċjali għas-sajd tal-merluzz fil-Baħar Baltiku, għandu jżomm kopja ta’ dan il-permess abbord il-bastiment tas-sajd.

2.2. Ġurnali ta’ abbord

2.2.1. B'deroga mill-Artikolu 6(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2847/93 tat-12 t’Ottubru 1993 li jistabbilixxi sistema ta' kontroll li

[11] ĠU L 171, 6.7.1994, p. 7.
[12] ĠU L 12, 14.01.2005, p. 1.

tapplika għall-politika tas-sajd komuni[13], il-kaptani tal-bastimenti tal-Komunità li għandhom tul globali ekwivalenti għal jew akbar minn 8 m għandhom iżommu ġurnal ta' abbord bid-dettalji dwar l-operazzjonijiet tagħhom skond l-Artikolu 6 tar-Regolament (KEE) Nru 2847/93.

2.2.2. Għal bastimenti mgħammra bil-VMS, l-Istati Membri għandhom jivverifikaw li t-tagħrif irċevut fiċ-ċentru għall-Monitoraġġ tas-sajd (FMC - *Fisheries Monitoring Centre*) jikkorrispondi għall-attivitajiet irreġistrati fil-ġurnal ta' abbord permezz tad-*data* VMS. Dawk l-ispezzjonijiet għandhom jitniżżlu f'forma li tinqara mill-kompjuter għal perjodu ta' tliet snin.

2.2.3. Kull Stat Membru għandu jżomm u jagħmel disponibbli fil-websajt uffiċjali tiegħu, id-dettalji ta' kuntatt għat-tressiq tal-ġurnali ta' abbord, id-dikjarazzjonijiet tal-ħatt l-art u notifiki minn qabel kif speċifikat fil-punt 2.8 ta' dan l-Anness.

2.3. Marġni ta' tolleranza fil-ġurnal ta' abbord

2.3.1. B'deroga mill-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KEE) Nru 2807/83, il-marġni x permess ta' tolleranza fl-estimi tal-kwantitajiet, f'kilogrammi, ta' ħut soġġetti għat-TAC li huma miżmuma abbord għandu jkunu ta' 8% taċ-ċifra fil-ġurnal ta' abbord.

2.3.2. Għal qabdiet imħallta li jinħattu l-art, il-marġni ta' tolleranza fl-estimu tal-kwantitajiet għandha tkun ta' 8% tal-kwantità totali li tinżamm abbord.

2.4. Reġistrazzjoni u Trażmissjoni Elettroniċi tad-*Data* dwar il-Qabda

2.4.1. B'deroga mill-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2807/83 tat-22 ta' Settembru 1983, li jistabbilixxi regoli dettaljati dwar ir-reġistrazzjoni ta' informazzjoni dwar il-qabdiet ta' ħut ta' l-Istati Membri[14], bastimenti mgħammra bil-VMS jista' jkollhom installat abbord mezzi kompjuterizzati operazzjonali, approvati mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru tal-bandiera, għar-reġistrazzjoni u r-rappurtar elettroniku ta' informazzjoni marbuta ma' l-attivitajiet tas-sajd li għandha tiġi rreġistrata fil-ġurnal ta' abbord.

2.4.2. Il-bastimenti msemmija fil-punt 2.4.1 għandhom jittrażmettu l-informazzjoni kollha marbuta ma' l-attivitajiet tas-sajd li għandha tiġi rreġistrata f'ġurnal ta' abbord lill-FMC ta' l-Istat Membru tal-bandiera. L-FMCs ta' l-Istat Membru tal-bandiera għandhom jiżguraw li din id-*data* tiġi rreġistrata f'għamla li tinqara mill-kompjuter u li tinżamm għal perjodu ta' tliet snin.

---

[13] ĠU L 261, 20.10.1993, p. 1.

[14] ĠU L 276, 10.10.1983, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1804/2005 (ĠU L 290, 4.11.2005, p. 10).

2.4.3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-FMC jirċievi l-informazzjoni msemmija fil-punt 2.4.2 għallinqas kuljum, jew jekk l-FMC jirrikjedi hekk, f'intervalli iqsar ta' żmien.

2.4.4. L-Istati Membri tal-bandiera għandhom jittrażmettu l-informazzjoni rċevuta skond il-punt 2.4.2 lill-FMC ta' l-Istat Kostali kuljum matul iż-żmien li l-bastimenti tas-sajd tagħhom ikunu fl-ilmijiet ta' dak l-Istat Kostali. L-FMC ta' l-Istat Kostali jista' jiddeċiedi li jirrikjedi l-informazzjoni f'intervalli iqsar ta' żmien.

2.5. Irreġistrar tad-*Data* dwar l-Isforz tas-Sajd

2.5.1. Il-bastimenti tas-sajd għandhom jittrażmettu l-informazzjoni pprovduta fl-Artikolu 19b tar-Regolament (KEE) Nru 2847/93 lill-FMC ta' l-Istat Membru tal-bandiera u jinkluduha fid-*database* kompjuterizzata kif imsemmija fl-Artikolu 13 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2244/2003.

2.5.2. L-Artikolu 19b tar-Regolament (KEE) Nru 2847/93 ma għandux japplika għal bastimenti mgħammra bil-VMS.

2.6. Il-Monitoraġġ u l-Kontroll ta' l-Isforz tas-Sajd

2.6.1. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru tal-bandiera għandhom jimmonitorjaw u jikkontrollaw il-konformità ma':

(a) il-limiti fuq l-isforzi tas-sajd ipprovduti fl-Anness II, il-punti 1.1 u 1.2.

(b) ir-restrizzjonijiet fuq is-sajd ipprovduti fil-punt 1 ta' dan l-Anness.

2.6.2. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi u jżomm lista ta' bastimenti soġġetti għad-dispożizzjonijiet tal-punti 1.1 u 1.2 fl-Anness II ta' dan ir-Regolament sal-31 ta' Jannar ta' kull sena u jagħmilha disponibbli fuq il-websajt uffiċjali tiegħu. Il-lista għandha jkun fiha n-numru ta' jiem kalendarji użati minn kull bastiment fiż-żoni definiti fil-punti 1.1. u 1.2 ta' l-Anness II.

2.6.3. Il-lista msemmija fil-punt 2.6.2, għandha tiġi aġġornata kuljum biex tirrifletti l-jiem użati minn kull bastiment.

2.7. Id-Dħul ġewwa Żoni Speċifiċi jew il-Ħruġ Minnhom

2.7.1. Bastiment tas-sajd jista' jibda l-attività tas-sajd tiegħu fl-ilmijiet Komunitarji kemm fis-Subdiviżjonijiet 22-24 (Żona A) kif ukoll fis-Subdiviżjoni 25-27 (Żona B) b'inqas minn 100kg ta' merluzz abbord.

2.7.2. Meta bastiment tas-sajd joħroġ miż-Żona A, miż-Żona B jew miż-Subdiviżjoni 28-32 (Żona C) b'iktar minn 100 kg ta' merluzz abbord, għandu:

(a) imur direttament lejn port ġewwa ż-Żona fejn kien qed jistad u jħott il-ħut l-art, jew

(b) imur direttament lejn port barra miż-Żona fejn kien qed jistad u jħott il-ħut l-art, jew

(c) Meta jħalli ż-Żona fejn il-bastiment kien qed jistad, ix-xbieki għandhom jiġu stivati skond il-kundizzjonijiet li ġejjin sabiex ma jkunux jistgħu jintużaw faċilment:

(i) xbieki, piżijiet, u rkaptu simili għandhom jitneħħew mit-twavel tax-xbieki u fili u ħbula ta' l-irmonk jew ġbid,

(ii) ix-xbieki mgħobbija fuq jew 'l fuq mill-gverta għandhom ikunu marbuta fis-sod ma' parti mill-istruttura ta' fuq tal-bastiment.

2.8. Notifika minn qabel

2.8.1. Il-kaptan ta' bastiment tas-sajd Komunitarju li ħiereġ mis-Subdiviżjoni 22-24 (Żona A), is-Subdiviżjoni 25-27 (Żona B) jew is-Subdiviżjoni 28-32 (Żona C) b'iktar minn 300 kg ta' merluzz abbord, sagħtejn qabel joħroġ miż-Żona, għandu jinnotifika l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru tal-bandiera b'dawn li ġejjin:

(a) il-ħin u l-pożizzjoni tal-ħruġ,

(b) il-kwantitajiet ta' speċijiet f'piż ħaj għall-qabdiet kollha miżmuma abbord.

Bastimenti soġġetti għall-punt 2.4. ta' dan l-Anness għandhom jiġu eżentati minn dan l-obbligu.

2.8.2. In-notifika msemmija fil-punt 2.8.1. tista' ssir ukoll minn rappreżentant tal-kaptan tal-bastiment tas-sajd.

2.8.3. B'deroga mill-Artikolu 7(1) tar-Regolament (KEE) Nru 2847/93, il-kaptan jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu, ta' bastiment tal-Komunità li jżomm aktar minn 300 kg f'piż ħaj ta' merluzz, għallinqas sagħtejn qabel ma jidħlu f'xi post ta' ħatt, għandu jgħarraf lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru fejn se jinħatt l-art dwar:

(a) l-isem tal-post fejn ikun se jinħatt;

(b) (b) il-ħin stmat tal-wasla f'dak il-post tal-ħatt.

(c) il-kwantitajiet ta' speċijiet f'piż ħaj għall-qabdiet kollha miżmuma abbord.

2.9. Portijiet dežinjati

2.9.1. Meta bastiment iżomm aktar minn 750 kg ta' merluzz f'piż ħaj, dak il-merluzz għandu jinħatt biss f'portijiet iddežinjati.

2.9.2. Kull Stat Membru jista' jiddeżinja portijiet fejn kwalunkwe kwantità ta' merluzz Baltiku li tisboq is-750 kg għandha tinħatt l-art.

2.9.3. Fi żmien 15-il jum mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, kull Stat Membru li stabbilixxa lista ta' portijiet dežinjati, għandu jżomm u jagħmel disponibbli lista tal-portijiet dežinjati fuq il-websajt uffiċjali tiegħu.

2.10. L-użin tal-merluzz li jinħatt l-ewwel.

2.10.1. Il-bastimenti tas-sajd b'iktar minn 100 kg ta' merluzz abbord ma għandhomx jibdew iħottu sakemm jiġu awtorizzati mill-awtoritajiet kompetenti tal-post fejn qed isir il-ħatt l-art.

2.10.2. L-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu jirrikjedu li xi kwantità ta' merluzz maqbuda fil-Baħar Baltiku u li tniżżlet l-ewwel f'dak l-Istat Membru tintiżen fil-preżenza tal-kontrolluri qabel ma tinġarr f'post ieħor mill-port fejn tniżżlet l-ewwel.

2.11. Punti ta' Riferiment għall-Ispezzjoni

Kull Stat Membru tal-Baħar Baltiku għandu jistipula punti ta' riferiment speċifiċi għall-ispezzjoni. Dawk il-punti ta' riferiment għandhom ikunu riveduti perjodikament wara li ssir analiżi tar-riżultati miksuba. Il-punti ta' riferiment għall-ispezzjoni għandhom jinbidlu progressivament sakemm jintlaħqu l-punti ta' riferiment fil-mira definiti fl-Appendiċi 1.

2.12. Projbizzjoni fuq tranżitu u trażbord

2.12.1. It-tranżitu f'żoni magħluqa għas-sajd tal-merluzz huwa pprojbit sakemm it-tagħmir tas-sajd abbord ikun marbut sewwa u stivat skond il-punt 2.7.2.(c).

2.12.2. It-trażbordar tal-merluzz għandu jsir biss f'port dežinjat għat-trażbordar mill-awtoritajiet kompetenti.

2.13. Trasport tal-merluzz Baltiku

B'deroga mill-Artikolu 8(1) tar-Regolament (KEE) Nru 2847/93, il-kaptan ta' bastiment tas-sajd li għandu tul globali ekwivalenti għal tmien metri jew itwal, għandu jimla dikjarazzjoni tal-ħatt l-art meta l-ħut jiġi ttrasportat lejn post li mhux dak tal-ħatt l-art jew ta' l-importazzjoni.

Id-dikjarazzjoni tal-ħatt l-art għandha takkumpanja d-dokumenti tat-trasport ipprovduti fl-Artikolu 13(1) tar-Regolament (KEE) Nru 2847/93.

2.14. Sorveljanza konġunta u skambju ta' l-ispetturi

2.14.1. L-Istati Membri għandhom jieħdu sehem f'attivitajiet konġunti ta' spezzjoni u sorveljanza u għandhom jistabbilixxu proċeduri operazzjonali konġunti għal dak il-għan.

2.14.2. L-Istati Membri li jieħdu sehem f'attivitajiet konġunti ta' spezzjoni u sorveljanza għandhom jiżguraw li l-ispetturi minn kull Stat Membru li qed jipparteċipa jkunu mistiedna biex ta' l-inqas jieħdu sehem f'dawn l-attivitajiet.

2.14.3. L-ispetturi tal-Kummissjoni jistgħu jipparteċipaw f'dawn l-ispezzjonijiet u l-attivitajiet ta' sorveljanza konġunti.

2.14.4. L-Aġenzija Komunitarja għall-Kontroll tas-Sajd (AFCA - *Community Fisheries Controll Agency*) għandha ssejjaħ laqgħa ta' l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għall-ispezzjoni qabel il-15 ta' Novembru 2007 biex tikkoordina l-programm konġunt ta' spezzjoni u sorveljanza għall-2008.

2.15. Programmi ta' azzjoni nazzjonali dwar il-kontroll

2.15.1. Kull Stat Membru kkonċernat għandu jiddefinixxi programm ta' azzjoni nazzjonali dwar il-kontroll għall-Baħar Baltiku skond l-Appendiċi 2.

2.15.2. Kull Stat Membru kkonċernat għandu jistipula punti speċifiċi ta' riferiment skond l-Appendiċi I. Dawk il-punti ta' riferiment għandhom ikunu reveduti perjodikament wara li ssir analiżi tar-riżultati miksuba. Il-punti ta' riferiment għall-ispezzjoni għandhom jinbidlu progressivament sakemm jintlaħqu l-livelli fil-mira ddefiniti fl-Appendiċi 2.

2.15.3. Qabel il-31 ta' Jannar 2007, kull Stati Membru konċernat għandu jqiegħed fuq is-sit uffiċjali tiegħu għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni u l-Istati Membri l-oħra li jdawru l-Baħar Baltiku, il-programm ta' azzjoni nazzjonali dwar il-kontroll imsemmi fil-punt 2.15.1, flimkien ma' skeda dwar l-implimentazzjoni.

2.15.4. Il-Kummissjoni għandha ssejjaħ laqgħa tal-Kumitat tas-Sajd u l-Akkwakultura biex tevalwa l-konformità ma' u r-riżultati tal-programmi ta' l-azzjoni nazzjonali dwar il-kontroll għall-istokkijiet tal-merluzz fil-Baħar Baltiku.

2.16. Programm ta' monitoraġġ speċifiku

2.16.1. B'deroga mis-subparagrafu 4 ta' l-Artikolu 34c(1) tar-Regolament (KEE) Nru 2847/93, il-programm speċifiku ta' kontroll u spezzjoni għall-istokkijiet tal-merluzz ikkonċernati jista' jdum iktar minn tliet snin.

Appendiċi 1 għall-Anness III

Punti speċifiċi ta' riferiment

Għan

1. Kull Stat Membru għandu jistipula punti speċifiċi ta' riferiment skond dan l-Anness.

L-Istrateġija

2. L-ispezzjoni u s-sorveljanza ta' l-attivitajiet tas-sajd għandhom jikkonċentraw fuq bastimenti li x'aktarx jistadu għall-merluzz. Spezzjonijiet każwali tat-trasport u l-kummerċjalizzazzjoni tal-merluzz għandhom jintużaw bħala mekkaniżmu komplimentari ta' konferma biex jiċċekkja l-effettività ta' l-ispezzjoni u s-sorveljanza.

Prijoritajiet

3. Tipi differenti ta' tagħmir għandhom ikunu soġġetti għal livelli differenti ta' prijoritizzazzjoni skond il-punt sa fejn il-flotot ikunu affettwati mil-limiti fuq l-opportunitajiet tas-sajd. Minħabba f'hekk, kull Stat Membru għandu jistabbilixxi prijoritajiet speċifiċi.

Teħid ta' kampjuni

4. Kull Stat Membru għandu jispeċifika u jiddeskrivi liema strateġija ta' teħid ta' kampjuni għandha tiġi applikata.

   Fuq talba, il-Kummissjoni jista' jkollha aċċess għall-pjan ta' teħid ta' kampjuni li jintuża mill-Istat Membru.

Punti ta' riferiment fil-mira

5. Mhux iktar tard minn xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, kull Stat Membru għandu jimplimenta l-iskedi ta' spezzjoni tiegħu filwaqt li jqis il-miri stabbiliti hawn taħt.

   a. Livell ta' spezzjoni fil-portijiet

   B'regola ġenerali, l-eżattezza li għandha tintlaħaq għandha tkun għallinqas ekwivalenti għal dak li jinkiseb minn metodu sempliċi każwali għat-teħid tal-kampjuni, fejn l-ispezzjonijiet għandhom ikopru 20% tal-piż tal-merluzz li jinħatt l-art u jkopru l-postijiet kollha fejn jinħatt l-art.

   b. Livell ta' spezzjoni tal-kummerċjalizzazzjoni

   Spezzjoni ta' 5% tal-kwantitajiet ta' merluzz offruti għall-bejgħ bl-irkant.

   c. Livell ta' spezzjoni fuq il-baħar

   Punt ta' riferiment flessibbli: għandu jiġi stabbilit wara analiżi ddettaljata ta' l-attività tas-sajd f'kull żona. Il-punti ta' riferiment fuq il-baħar għandhom jirreferu n-

numru ta' jiem ta' għassa fuq il-baħar fiż-żoni tal-ġestoni tal-merluzz, possibbilment b'punt ta' riferiment separat għal jiem ta' sorveljanza f'żoni speċifiċi.

d. Livell ta' sorveljanza mill-ajru

Punt ta' riferiment flessibbli: għandu jiġu stabbilit wara analiżi dettaljata ta' l-attività tas-sajd kondotta f'kull żona u filwaqt li jitqiesu r-riżorsi disponibbli għall-Istati Membri.

Appendiċi 2 għall-Anness III

Kontenuti tal-programmi nazzjonali ta' azzjoni għall-kontroll

Programmi nazzjonali ta' azzjoni għall-kontroll għandhom, fost oħrajn, jispeċifikaw dan li ġej.

1. Il-mezzi tal-kontroll

Riżorsi umani

1.1. L-għadd ta' spetturi fuq l-art u fuq il-baħar u l-perjodi u ż-żoni fejn se jiġu mmobilizzati.

Riżorsi tekniċi

1.2. In-numru ta' bastimenti u inġenji ta' l-ajru għas-sorveljanza u l-perjodi u ż-żoni fejn se jiġu mmobilizzati.

Riżorsi finanzjarji

1.3. L-allokazzjoni tal-baġit għall-użu tar-riżorzi umani, il-bastimenti u l-inġenji ta' l-ajru għas-sorveljanza.

2. Reġistrar u rappurtar elettroniku ta' informazzjoni marbuta ma' attivitajiet tas-sajd

Deskrizzjoni tas-sistemi implimentati biex tkun żgurata l-konformità mal-Punti 2.4., 2.5., 2.6., u 2.8. ta' l-Anness III.

3. Dežinjazzjoni tal-portijiet

Kull fejn rilevanti, lista tal-portijiet dežinjati għall-ħatt l-art tal-merluzz skond il-punt 2.9. ta' l-Anness III.

4. Notifika dwar id-dħul u l-ħruġ

Deskrizzjoni tas-sistemi implimentati biex jiżguraw il-konformità mad-dispożizzjonijiet tal-punt 2.7. ta' l-Anness III.

5. Kontroll tal-ħatt l-art

Deskrizzjoni ta' kwalunkwe faċilità jew sistema implimentata biex tiżgura l-konformità mad-dispożizzjonijiet fil-punti 2.2., 2.3., 2.10., 2.12., u 2.13. ta' l-Anness III

6. Proċeduri ta' spezzjoni

Il-programmi nazzjonali ta' azzjoni għall-kontroll għandhom jispeċifikaw il-proċeduri li għandhom jissegwew:

(a) waqt li jsiru spezzjonijiet fuq il-baħar u fl-art;

(b) għall-komunikazzjoni ma’ l-awtoritajiet kompetenti dežinjati minn Stati Membri oħra bħala responsabbli għall-programm nazzjonali ta' azzjoni għall-kontroll tal-merluzz;

(c) għas-sorveljanza u l-iskambju ta’ spetturi, inkluż l-ispeċifikazzjoni tas-setgħat u l-awtorità ta’ spetturi li joperaw f’ilmijiet ta’ Stati Membri oħra.